# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 85/2013**

Il-Pulizija

vs

**Paul Marjan Cini**

iben Philip, imwieled Pieta', fid-9 ta' Lulju, 1987, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 314487(M)

Illum, 19 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Paul Marjan Cini quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-25 ta' Mejju, 2011 u fix-xhur ta' qabel f'hinijiet diversi gewwa dawn Qasam Barrani, Mellieha, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra il-ligi, izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu gieghel bl-awtorita tieghu innifsu, fixkel lil Kristinu Borg u lil Anthony Borg fil-pussess ta' hewjjighom, jew b'xi mod iehor, kontra l-Ligi indahal fi hwejjighom minghajr il-kunsens taghhom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta’ Frar, 2013 fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati wara li rat l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti applikat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta billi liberat lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jergax jaghmel reat iehor fi zmien sentejn.

Rat ir-rikors tal-appellant Paul Marjan Cini tal-20 ta’ Frar, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza billi ma ssibux hati tal-akkuza migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena. Dan kollu aktar u aktar meta l-elementi jew ahjar il-parametri ezawrjenti tar-regim tar-ragion fattasi qatt ma gew sodisfatti kif trid il-Ligi taghna inkluz ukoll il-gurisprudenza nostrana. Tant ghandu x'jigi sottomess ghall-ahjar apprezzament u gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti ta' Appell Kriminali.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':

A. Illi l-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali naqset serjament fl-apprezzament tal-provi li tinkwadra dan il-kaz fid-dawl tal-prova minghajr margini ta' dubju li wiehed irid jintrabat maghha f'kawzi simili, billi l-kwerelant Kristinu Borg ma rnexxilux jipprova fuq liema qata' ta' ghelieqi huwa qed jikkontesta f'Qasam Barrani l-Mellieha, u wisq inqas illi huwa verament kien proprjetarju ta' din il-qata' ta' ghelieqi, jew illi b'xi mod kien igawdiha precedentement ghall-imputat Marjan Paul Cini.

B. Illi l-imputat Marjan Paul Cini, minghajr pregudizzju wkoll ghall-ewwel aggravju, wera b'mod car u inkontestat illi l-pussess tieghu kien wiehed li gie akkwistat u ghadda minn process legali u amministrattiv serju mal-Lands Department u awtoritajiet ohrajn, fuq din il-qata' ta' ghelieqi li fir-realta' tal-fatti kienet qata' ta' ghelieqi proprjeta' tal-Gvern u abbandunata ghal tul ta' snin, u kien proprju l-kwerelant Kristinu Borg illi verament fixklu fil-pussess u fit-tgawdija taghhom meta l-istess imputat beda jahdem u jgawdi mill-prodott taghhom.

Illi l-fatti fil-qosor li rrizultaw f'dan il-kaz u li fuqhom l-esponenti qua appellant qieghed jinterponi dan l-appell huma s-segwenti:

Irrizulta li l-appellant Marjan Paul Cini ilu jahdem din il-qatgha ta' ghelieqi in kwistjoni li tinsab f'Qasam Barrani, il-Mellieha sa minn Dicembru 2009.

Irrizulta li huwa kien u ghadu jmur fuq is-sit in kwistjoni, cioe l-qata' ta' ghelieqi li huwa jgawdi u jippossjedi b'mod regolari ghall-ahhar, u dan minghajr ma dahal fuq hadd, li kien precedentement ghalih, b'xi mod, igawdi jew jippossjedi dawn l-ghelieqi, kif gustament ser jirrizulta.

Irrizulta illi l-kwerelant Kristinu Borg, qatt ma ghamel uzu minn din il-qata' ghelieqi f'Qasam Barrani l-Mellieha, li fuqhom qeghdin jitmexxew dawn il-proceduri.

Irrizulta li dawn l-ghelieqi huma b'mod assolut proprjeta' tal-Gvern u intwera bic-car li kien Marjan Paul Cini stess li beda jahdimhom sabiex ikun intitolat li jigi koncess lilu d-dritt ta' tgawdija u pussess min-naha tad-Dipartiment tal-Artijiet, kif tirrikjedi l-procedura amministrattiva fi hdan l-istess dipartiment peress li dawn l-ghelieqi kif gie certifikat ukoll mid-dipartiment stess kienu ghelieqi abbandunati.

Irrizulta li l-unika darba li sar ilment min-naha tal-kwerelant Kristinu Borg kien ferm wara li beda jahdem din il-qatgha ta' ghelieqi Marjan Paul Cini, cioe' f'Dicembru tas-sena 2009, billi l-imsemmi Kristinu Borg mar fuq missier l-imputat, cioe' Philip Cini, waqt li dan ta' l-ahhar kien qieghed fl-ghalqa tieghu li tinsab biswit il-qatgha ta' ghelieqi mertu ta' din il-kawza u li kien ilu jahdimha ghal ghoxrin (20) sena shah, u gie mistoqsi dwar minn kien hadem l-ghelieqi in kwsitjoni ghax naturalment il-kwerelanti mid-dehra ghandhom interess li japplikaw fuq xi artijiet tal-Gvern li mhux necessarjament huma dawk mertu ta' dan il-kaz.

Irrizulta li l-kwerelenti qatt ma ezercitaw xi forma ta' tgawdija jew pussess fuq dawn l-ghelieqi minn Dicembru, 2009 il-quddiem, u lanqas ma ezercitaw xi forma ta' tgawdija jew pussess qabel dan iz-zmien ghaliex dawn l-ghelieqi mhux biss kienu zdingati imma abbandunati ghal snin twal.

*Punti ta' Dritt ghall-kunsiderazzjoni ta' din il-Wisq Onorabbli Qorti.*

Illi f'kawzi bhal dawn u li jaqghu taht ir-regim tar-ragion fattasi kif protett taht il-ligi nostrana ai termini tal-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta wiehed jasal biex jaghmel l-ahjar apprezzament tal-provi, fid-dawl tal-ilment ta' kull kwerelanti li jitlob l-assistenza tal-Pulizija Ezekuttiva ta' Malta sabiex jitmexxew proceduri kontra min allegatament ikun qed jimpedixxi persuna ohra mid-dritt li hija tgawdi, il-Qrati tal-Gustizzja, ma jistghux joqghodu u jistriehu biss fuq is-semplici prova orali ta' dak li jkun. Tali prova trid tkun sostanzjata sew, sabiex l-ilment ta' kull kwerelanti, f'azzjoni kriminali simili, jirrifletti verament il-principju, li minghajr margini ta' dubbju, huwa jkun mhux biss semplicement qed jallega fatt, imma jkun addirittura, qed jissostanzja u jlibbsu b'elementi oggettivi li jistabilixxu verament il-pussess jew it-tgawdija li huwa jkun qed jezercita' qabel ma' jkun dahal l-usurpatur tad-dritt fuqu.

F'dan il-kaz partikolari, hareg bhala fatt inkontestat, illi din il-qata' ta' ghelieqi li vermament dahal fihom u beda jahdimhom, l-imputat qua appellanti Marjan Paul Cini, kienu ghelieqi abbandunati li jappartjenu lill-Gvern Centrali u li jaqghu taht il-kappell protettiv tal-Lands Department. Fix-xhieda tieghu, in prim istanza, Marjan Paul Cini, puntwalizza, illi huwa bhala 'full-time farmer' li jaqla' l-hobza ta' kuljum minn dan il-mestjier agrikolu, 'ma qabadx u xjentement ha b'idejh dak li suppost jiehu tramite process legali', izda dak li ghamel peress li dawn kienu artijiet tal-Gvern, huwa illi mar jinforma ruhu sew u gie ggwidat, b'mod mill-aktar legali u gust, mill-Lands Department stess, kif ukoll minn Awtoritajiet relattivi ghall-hrug ta' fondi Ewropej mill-oqsma allokati ghall-agrikoltura, qabel ma' beda effettivament jahdem u jgawdi l-frott minn dawn l-ghelieqi, ezattament minn Dicembru tas-sena 2009. Minn dan iz-zmien, il-quddiem, huwa mhux minn dejjem kien molestat, fit-tgawdija regolari tieghu, izda l-kwerelanti Kristinu Borg kien sporadikament jipprova jdejjqu fil-pussess u fit-tgawdija regolari tieghu, billi jkissirlu kwalunkwe prodott jew metodi ohrajn ta' protezzjoni ghalih li minn zmien jintuzaw mill-bdiewa ghall-prodott agrikolu taghhom.

Naturalment, wiehed irid jifhem illi meta nitkellmu fuq 'precedenza ta' tgawdija' f'kuntest allura ta' artijiet abbandunati li jappartjenu lill-Gvern ta' Malta, il-prova ta' kull kwerelanti trid tkun wahda, illi huwa ghandu juri minghajr margini ta' dubbju, illi kien diga' ha l-inizzjattiva qabel l-imputat Marjan Paul Cini mat-taqsimiet governattivi u amministrativi f'dan il-qasam, li jirrendi

din l-art tieghu bhala dritt ta' uzu, haga li qatt ma ghamel il-kwerelanti Kristinu Borg. Inolte, ir-realta' tal-fatti, indipendentement minn dan kollu, tobbliga li kull min iressaq l-ilment tieghu quddiem il-Qrati tal-Magistrati ta' Malta, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, illi f'dan il-kaz, kien Kristinu Borg illi qabel xejn *a) jidentifika b'mod car liema huma l-ghelieqi kkontestati u b) juri minghajr margini ta' dubju x'tip u jew x'forma ta' dritt qed jippretendi li ghandu b'mod oggettiv qabel ma jistrieh biss fuq il-provi tad-difiza u jallega li huwa qed igawdi xi dritt fuq l-artijiet legalment u gustament uzati mill-imputat qua appellanti Marjan Paul Cini.*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan il-kaz hu wiehed sommarja u ghalhekk ix-xiehda tal-persuni li offrew ix-xhieda taghhom quddiem l-ewwel Qorti ma gietx traskritta. F'dan il-kaz inqala fattur iehor. Kristinu Borg, li hu l-kwerelant f'dan il-kaz, offra x-xhieda tieghu quddiem l-ewwel Qorti fis-seduta tas-27 ta' Marzu, 2012. Fis-seduta tal-1 ta' April, 2014 l-avukata tal-kwerelant infurmat lil din il-Qorti li Kristinu Borg gie nieqes.

Illi din il-Qorti regghet semghet ix-xhieda kollha b'eccezzjoni, naturalment, ta' Kristinu Borg.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-25 ta' Mejju, 2011 Kristinu Borg u Anthony Borg marru l-ghassa tal-Mellieha u ghamlu rapport li l-appellant kien harat l-ghalqa tal-kwerelanti. Huma stqarrew ukoll li li hemm xi kwistjonijiet pendenti il-Qorti fuq din l-ghalqa. Skont dan ir-rapport il-pulizija kellmu lill-appellant li qallhom li veru harat din l-ghalqa imma hu kellu dritt jahdem dik l-ghalqa.

Illi fit-2 ta' Gunju, 2011 l-ispettur tal-pulizija ta' dan id-distrett kien ircieva kwerela formali minghand l-avukata ta' Kristinu Borg u dan kien il-bidu ta' din il-kawza.

Illi mix-xhieda ta' Anthony Borg jirrizulta li dik il-qata' art meritu ta' dan l-appell kienet tinhadem minn missieru. Wara beda jahdimha l-istess Anthony Borg u imbaghad warajh beda jahdimha Kristinu Borg li kien mizzewweg lill-oht Anthony Borg. Fuq din l-ghalqa, ix-xhud qal li kellhom kaxxa nahal izda l-nahal miet u ghalhekk nehhew il-kaxxa tan-nahal. Meta Anthony Borg xehed fl-1 ta' April, 2014 hu qal li kien ilu ma jara lill-appellant f'din l-ghalqa 'l fuq minn sena. Xehed ukoll li l-appellant hadem l-ghalqa wara li spicca n-nahal.

Illi xehed ukoll Martin Bajada li ghandu l-kariga ta' Assistent Direttur inkarigat mir-raba' kollu tal-Gvern. Quddiem l-ewwel Qorti hu kien ipprezenta pjanta tal-post in kwistjoni fejn hemm indikat il-porzjonijiet li kienu jinhadmu. Quddiem din il-Qorti hu pprezenta aerial photograph fejn hemm indikata l-ghalqa ta' Kristinu Borg u territorju ikbar li skont id-Dipartiment tal-Lands ma giex allokat izda gie mitlub mill-appellant. Hu xehed li kien inghata bidu biex dan it-territorju jinghad lill-bdiewa izda sal-gurnata tal-1 ta' April, 2014 ma kien gie allokat lil hadd.

Illi Anthony Borg kien ezebixxa pjanta ta' dan it-territorju fejn hu ndikat bl-ahmar l-eghlieqi li kien fil-pussess tieghu u ta' Kristinu Borg.

Illi l-appellant offra x-xhieda tieghu fejn qal li l-ghalqa in kwistjoni ma kienet ta' hadd u li kien mar id-dipartiment tal-lands fejn qalulu li dak it-territorju ma kien ta' hadd izda kienet prassi li min ikun qed jahdimha jkollu preferenza meta dik l-art tigi biex titqassam. Fuq domanda ta' din il-Qorti xehed li hu kien qed jahdem l-ghalqa li kien imdawwra bl-iswed fit-territorju imdawwar bl-ahmar fil-pjanta ezebita minn Anthony Borg. Fil-fatt hu xehed li l-kwistjoni hi fejn hemm ic-cirku iswed.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu mnhabba l-fatt li l-ewwel Qorti naqset li taghmel apprezzament korrett tal-provi. Dan minhabba l-fatt li Kristinu Borg ma rnexxilux jipprova fuq liema qata ta' eghlieqi hi l-kwistjoni. Billi Kristinu Borg gie nieqes qabel ma seta' joffri x-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti dan l-aggravju ma jistax jigi analizzat u deciz.

Illi dwar it-tieni aggravju, l-appellant qed jikkontendi li dan it-teeritorju akkwistah skont il-ligi. Mill-provi prodotti u specifikament mix-xhieda ta' Martin Bajada dan mhux minnu.  Ghalhekk, dan l-aggravju ma jistax jigi milqugh.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-pussess ta' dan it-teriitorju kien f'idejn Kristinu Borg u l-appellant ma kellu ebda dritt li jidhol u jibda jahdem din l-ghalqa.  Fil-fatt, l-element kollha ta' dan ir-reat gew pruvati minghajr dubju dettat mir-raguni.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell ta' Paul Marjan Cini u tikkonferma s-sentenza appellata.